"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165  Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD** (*) *Nota*: Fejn hu ssinjalat trid tittiehed azzjoni

**Minuti tal-laqgħa numru 05/09 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar il-Erbgħa, 20 ta' Mejju 2009 fil-5.30pm**

| *Prezenti* | *Membri* |
|---|---|
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Is-Sur Jesmond Borg**<br>**Mrs Sarah Cuschieri**<br>**Mrs Bernardette Pace**<br>**Is-Sur Tony Roberts** |
| **Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |
| **Skuzat** | **Is-Sur Rocco Zahra** |

## ***AĠENDA -1***

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 04/09 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. J.Borg ippropona u B.Pace issekondat mozzjoni biex il-Minuti jkunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u s-Segretarju Eżk. bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

## ***AĠENDA -2***

*01/05 -* Residenta minn Birżebbuġa resqet talba sabiex il-Kunsill jikkonsidra 'Residents Parking' fil-Bajja s-Sabiħa. Wara diskussjoni il-Kamra qablet li m'għandhiex tiddaħħal is-sistema tar-'Residents Parking' fil-lokalita'.

*02/05 -* Residenti minn Triq Iż-Żurrieq bagħtu petizzjoni sabiex it-triq imsemmija issir *one way* fid-direzzjoni lejn Triq Tal-Ġebel. T.Roberts fakkar lill-Kamra li fis-Seduta preċedenti l-Kunsill kien qabel biex issir applikazzjoni sabiex fi Triq Iż-Żurrieq minn Triq it-13 ta' Diċembru sa Triq San Tumas isir *single yellow line* fuq naħa waħda u għalhekk b'din il-miżura ser insolvu l-problema tal-*flow* tat-traffiku. Kulħadd qabel.

*03/05 -* Grupp Armar Tal-Festa 1 t'Awwissu - Birżebbuġa bħas-snin preċedenti ressaq talba lill-Kunsill sabiex jerġa' jintrama l-festun tax-xatt għall-prezz ta' €466 + Vat. Il-Kamra qablet li l-festun għandu jintrama mill-1 ta' Ġunju sa l-aħħar Ħadd ta' Settembru.

*04/05* - Fl-okkażżjoni tal-'World Volleyball Day' li ser tiġi organizzata nhar il-Ħadd, 28 ta' Ġunju 2009, il-Malta Volleyball Association qed titlob l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex jarmaw ħames *beach volleyball courts* fil-Bajja s-Sabiħa sabiex in-nies titħajjar tipprattika dan l-isport. Kulħadd qabel. Huma talbu wkoll permess sabiex jarmaw numru ta' *beach volleyball courts* fil-Bajja s-Sabiħa sabiex jintużaw minn kulħadd. Il-Kamra qablet li jinħarġilhom permess għal żmien stipulat għal mhux aktar minn żewġ *courts*.

***AĠENDA -3***

Il-Kamra approvat il-Financial Statements għas-sena 2008-2009 mressqa fuq il-mejda mis-Segretarju Eżekuttiv.

***AĠENDA -4***

Tressqu fuq il-mejda tal-Kamra l-pagamenti u l-*purchase requests* tagħhom għax-xahar ta' Mejju '09. Peress li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni jew amendi ġiet approvata biex is-somma ta' €56,642.97 titħallas skond skeda Nru. 05/09.

***AĠENDA -5***

1. Is-Sindku irrimarka li f'dawn l-aħħar ftit ġimgħat tressqu diversi proposti ta' bidliet fil-Power Station li jinkludu l-estensjoni tagħha, l-inċineratur, li taħdem biż-żejt flok bil-gass u li dawn il-bidliet iġibu ħafna mistoqsijiet magħhom bħal (a) Jekk hux ser nipproduċu biżżejjed skart sabiex jitħaddem l-inċineratur, (b) Jekk le, x'tip ta' skart ser jiġi importat, (c) Fejn ser imur iż-żejt maħruq tal-Power Station u (d) Sakemm jiġi esportat dan iż-żejt maħruq fejn ser jinħażen u ħafna mistoqsijet oħra. Għaldaqstant il-Kamra qablet li għandha tqabbad espert sabiex naraw xi ħsara ser issir lil madwar b'dawn it-tibdiliet. S.Cuschieri ssuġġeriet li għandu jintalab wkoll studju fuq kif ser jaffettwaw il-Wind Farms lil-lokalita' u lis-siti magħżula fiż-żona ta' Ħal Far. Ukoll S.Cuschieri sostniet li l-Gvern għandu jibgħat delegazzjoni mill-Kunsill sabiex iżur siti fejn diġa jeżistu l-Wind Farms ħalli jara l-prodott finali kif ser ikun.

2. B.Pace infurmat lill-Kamra li kellha kuntatti ma' Kunsillier minn Porto San Giorgio fl-Italja fejn dan stieden lill-Kunsill biex itella' grupp ta' żgħażagħ minn 13 -il sena 'l fuq biex jattendu għal kors fil-lingwa taljana għas-sajf 2010 u biex 'il quddiem żgħażagħ taljani jattendu kors simili ieħor f'Malta. Għaldaqstant B.Pace għamlet appuntament ma' rappreżentanta tal-MEUSAC sabiex tmexxiha biex tapplika għal fondi ta' l-Unjoni Ewropea allokati għal dan il-għan. Il-Kamra qablet ma' din l-inizjattiva. Ukoll B.Pace avżat lill-Kamra li f'April tas-sena d-dieħla delegazzjoni mill-Kunsill ser tiġi mistiedna ġewwa Porto San Giorgio għall-festa ta' San Ġorġ.

3. T.Roberts ressaq proposta sabiex tinstab soluzzjoni ta' tqassim aħjar għall-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill minħabba li fil-preżent ma' teżisti l-ebda miżura ta' sigurta' għall-ħaddiema. Kulħadd qabel.

4. S.Cuschieri ssuġġeriet li għandha tingħalaq il-mogħdija li hemm biswit Triq Belle Isle sabiex jiġi evitat li jgħaddu karozzi minnha u nevitaw li jintrema skart f'din il-mogħdija.

5. B.Pace infurmat lill-Kamra li bejn il-25 u 29 ta' Mejju 2009 ser torganizza Book Fair ġewwa s-Sala ta' l-Iskola.

6. T.Roberts staqsa jekk hux ser isir bħas-snin ta' qabel li jintalab li l-Kuntrattur tat-tindif tat-toroq jaħdem il-Ħadd ukoll. Kulħadd qabel.

***__Għeluq__***

Minħabba li ma kien fadal l-ebda suġġett ieħor x'jiġi diskuss, is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa. Seduta oħra ser issir nhar il-Erbgħa, 10 ta' Ġunju 2009 fil-5.30pm. .
.

**..........................................** **...............................................**

**Joseph Farrugia** — **Maria Galea**

**Sindku** — **Segretarju Eżk.**